MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 303/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs
Mark Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21.9.2002, ghall-habta ta' 0.15 p.m. fl-inhawi tal-Fawwara, Siggiewi waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq l-art, kien ghall-kacca u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi numru AH25860 u munizzjon, liema arma tan-nar kienet fl-ghata w cintorin b'wiehed u tletin-il skartocc gewwa vettura numru tar-registrazzjoni MSR 876 u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art 4, Art 6 Art 9 (1)(a).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2002, li

biha, wara li rat l-Artikolu 9 (1)(a) u 25 ta' l-A.L. 146/93, sabet lill-imputat hati limitatament u kkundannatu ghall-multa ta' LM200.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza w tillibera lill-appellant mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda fis-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum, wara li semghet lix-xhud P.S. 1033 Sandro Mangion jghid li l-appellant kien ghaddej f'karozza isuq u kellu s-senter fl-ghata tieghu minkejja li kien daqq nofs inhar f'jum meta l-kacca trid tieqaf f'dak il-hin, ghamlet verbal fejn iddikjarat li dan il-fatt ma jammontax ghar-reat dment li l-karozza tkun 'in motion' kif jirrizulta li kien f'dan il-kaz.

In vista ta' dan il-verbal, il-Qorti ma jibqala xejn x'taghmel hlief, anki ghax taqbel ma din is-sottomissjoni, li tiddikjara l-appell fondat u ghal din ir-raguni qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------